



0053/2015

5.10.2015

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-protezzjoni tal-ibħra Ewropej minn armi kimiċi u konvenzjonali

**Ivan Jakovčić (ALDE), Jozo Radoš (ALDE), Ruža Tomašić (ECR),
Antanas Guoga (ALDE), Dario Tamburrano (EFDD), Rosa D'Amato
(EFDD), Fredrick Federley (ALDE), Isabella Adinolfi (EFDD), Enrico
Gasbarra (S&D), Igor Šoltés (Verts/ALE), Davor Škrlec (Verts/ALE),
Kaja Kallas (ALDE), Reinhard Bütikofer (Verts/ALE), Franc Bogovič
(PPE)**

Data ta' skadenza: 5.1.2016

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar il-protezzjoni tal-ibħra Ewropej minn armi kimiċi u konvenzjonali¹

1. Ħafna ibħra Ewropej huma miżgħuda b'armi li fadal mill-Ewwel u t-Tieni Gwerer Dinjija, u mill-aktar gwerra reċenti fil-Balkani.
2. Hemm konċentrazzjoni għolja ta' armi kimiċi u konvenzjonali, fejn hu stmat li dawn jinkludu 900 000 mini tal-baħar, 1,6 miljun tunnellata ta' armi konvenzjonali u 220 000 tunnellata ta' armi kimiċi li jinsabu fil-Baħar Baltiku u fil-Baħar tat-Tramuntana, u 15 551 bomba tal-ajru tal-Iprit, 2 533 kaxxa ta' munizzjon, 20 000 tunnellata ta' artillerija kimika u eluf ta' bomblets minn bombi tat-tip cluster li jinsabu fil-Baħar Adriyatiku;
3. Dawn l-armi jikkostitwixxu periklu serju għall-ekosistema tal-baħar u għandhom effett negattiv fuq attivitajiet ekonomiċi, inklużi s-sajd, it-turiżmu, l-infrastruttura tal-enerġija (pereżempju, l-parks eoliċi, il-kejbils tal-elettriku u l-pipelines) u t-trasport.
4. Ġew implimentati programmi Ewropej ta' suċċess, fosthom CHEMSEA, MODUM, UMBRELLA u RITMARE.
5. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni biex, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-partijiet interessati l-oħra, ttejjji strateġija komprensiva bl-għan li jiġi evitat it-tniġġis ulterjuri tal-ibħra Ewropej.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, din għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.